**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 29 ta' April 2025**

Rikors Numru: 240/2024 AL

A B

Vs

C D E U B'DIGRIET TAL-4 TA' FRAR 2025, PL GILLIAN MUSCAT U DR. DUE MERCIECA GEW NOMINATI BHALA KURATURI DEPUTATI BIEX JIRRAPPREZENTAW LILL-ASSENTI C D E

(M.R. Numru 3141/2012)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrenti li permezz tieghu jesponi:

1. L-esponenti iżżewweg lill-intimata C D E nhaz l-ewwel (1) ta' Diċembru tas-sena 2012 ġewwa r-reġistru pubbliku (certifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bhala Dok A).

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet ma kellhomx tfal;

3. Illi ilhom separati de facto ghal numru ta' snin;

4. Illi ghaldaqstant, ghaddew aktar min sena' minn meta l-partijiet ma baqawx jgħixu flimkien u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikončiljazzjoni bejn il-partijiet

5. Illi l-partijiet ma humiex legalment separati u qatt ma ressqu talba ghas-separazzjoni personB quddiem din 1- Onorabbli Qorti;

6. Illi llum il-ġurnata, r-rikorrenti lanqas biss jaf fejn tinsab jew tirrisjedi l-intimata u m'għandu l-ebda kuntatt maghha.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ stante illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikončiljazzjoni bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez.

Rat in-nota tal-kuraturi deputati Dr. Sue Mercieca u PL Gillian Muscat li permezz tagħha jesponu:

1. Illi l-esponenti kuraturi deputati ma jistgħux jagħmlu kuntatt ma' C D E stante li ma għandhomx ebda informazzjoni kif jikkuntattaw lil assenti u għalhekk qiegħdin jitolbu kull informazzjoni biex ikunu jistghu jagħmlu kuntatt.
2. U dan taht kull provvediment li dina l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Frar 2025;

Rat in-nota tal-Kuraturi deputati tas-7 ta' Frar 2025 li permezz taghha nfurmaw lill-qorti li huma ma jistgħux jagħmlu kuntatt mal-intimata assenti stante li ma għandhom ebda informazzjoni kif jikkuntattaw lill-assenti;

Rat illi għalhekk waqt is-seduta tal-10 ta' April 2025 huma ma dehrux u ma hemmx provi mressqa mill-intimata assenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom *de* facto separati għal numru ta' snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.